MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 1089/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Alan Carabott 37 sena bin Gaetano u Josefa nee` Spiteri mwieled fil-Pieta fid-19 ta’ Lulju 1983 u li joqghod fil-fond bl-isem ‘Waterfont B’, Flat 2, Triq Wilga, M’Xlokk**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Alan Carabott li gie akkuzat talli:

1. Fl-24 t a’ Ottubru 2010 ghall-habta tat-03.00 ta’ filghodu hdejn it-tinda tal-MFCC f’Ta’ Qali limiti ta’ H’Attard, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe`

billi volontarjament ta' n-nar u ghamel hsara fuq il-vettura tal-Pulizija tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni GVP544 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sitting centezmu (€1,164.69), bi ksur tal-Art 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi furu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ataca jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta ' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti bi ksur tal-Art 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid qieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom bi ksur tal-Art. 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' diversi reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minaba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixx, bi ksur tal-Art,141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrifjuta jghati. jew tgha falz., il ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra, bi ksur tal-Art. 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdix l-ordinijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-ligi, bi ksur tal-Art. 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiset ta' Malta.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, bi ksur tal-Art 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, bi ksur tal-Art 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti, bi ksur tal-Art 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Fl-istess data ghall-habta tas-02.35 ta' filghodu gewwa l-MFCC f'Ta' Qali limiti ta' Attard, pejjep go post pubbliku jew li huwa miftuh ghall-pubbliku u li fejn it-tipjip huwa projbit, bi ksur tal-L.S. 315/04 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsdra l-istess;

Rat il-Pre-Sentencing Report ta' l-Ufficjal tal-Probation;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacih ghall-agir tieghu u skuza ruhu mal-ufficjali tal-pulizija involuta f'dana l-incident. Inoltre jidher illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat kien ghaddej minn diffikultajiet f'hajtu u kien anke taht kura medika u li x'aktarx l-imputat ikkommetta r-reati li dwarhon jinsab akkuzat billi huwa kien taht l-effett tal-pilloli u hallat mal-alkohol. Inoltre l-imputat hallas id-danni kollha kagunati minnu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 95, 96, 91, 141, 338(g), 338(ee), 338(dd)(bb) u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u LS 315/04 issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta taht kondizzjoni.

Il-Qorti tordna li s-sentenza ma titqieghedx fuq il-web site ufficjali tal-Gvern.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni illi l-imputat ma jitlifx l-impjieg tiebghu billi l-agir tieghu kien wiehed ikkundizzjonat kif jinghad aktar il-fuq minhabba l-kundizzjoni medika tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------